MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 900/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**
**VS**
**MARTIN SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Spiteri ta’ 33 sena, iben Anthony u Ludgarda nee’ Busuttil, imwieled Pieta’ fil-11/07/1971, residenti Flat 2B, Triq San Leonardu, Kalkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 294271(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-Kalkara, fit-13 ta’ Lulju, 2004 ghal habta tad-9:00p.m. volontarjament ikkaguna hsara fuq mobile Samsung, liema hsara hija ta’ iktar minn mitt lira Maltin (Lm100) ghad-dannu ta’ Donald Stevens, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 513158(M) bi ksur ta’ l-Artikolu 325b tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin, ingurja, hedded u offenda lil Donald Stevens, bi ksur ta’ l-Artikolu 339e u 252 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Barra minn dan fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u dagha bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ Donald Stevens u tal-familja tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-prosekuzzjoni (Spettur Alfred Mallia, a fol.9 et seq.) informa lil Qorti illi rcieva rapport minn Donald Stevens dwar hsara volontarja da parti tat-tifel ta’ l-imputat fuq *mobile* tat-tifla ta’ Stevens. Stevens rraporta illi waqt li bintu kienet il-*youth centre* Kalkara, it-tifel ta’ l-imputat imbotta lil din it-tifla u waqqalha l-*mobile* ma’ l-art u l-*mobile* garrab xi hsarat.

Stevens kellem lit-tifel ta’ Spiteri u li fil-pront wasal l-imputat u kif gie moghti l-*mobile*, l-imputat u sabbtu ma’ l-art.

L-imputat Spiteri rrilaxxa stqarrija Dok.AM (fol.12 et seq.) fejn qal li kien gie msejjah permezz ta’ telefonata mid-dar tieghu biex imur il-*youth centre* ghaliex it-tifel Miguel kien qed jibki. Illi meta wasal hemm sabu Donald Stevens li infurmah li ibnu kien waqqa l-*mobile* ta’ bintu u garrablu hsarat u tah il-*mobile* f’idejh. Spiteri stqarr illi dan il-*mobile*

kien imfarrak donnu ghaddiet xi karozza minn fuqu. Dak il-hin, l-imputat informa lil Stevens illi kien lest li jhallsu izda sar jaf minghand nies prezenti illi ibnu ma kienx risponsabbli ghal hsarat u ghaldaqstant biddel fehemtu.

PC 1496 Godwin Farrugia kkonferma l-istqarrija Dok.AM.

Donald Stevens ikkonferma r-rapport tieghu u qal;

*"U qed nghidlu x'gara u ma garax, qabad dan il-mobile f'idejh, kien ghadu jixghel il-mobile, tah tisbita mal-art hekk, qalli ghada nixtrilek iehor. Qedtlu stenna ha nigbor is-sim card, qalli mela mur igborha qalli ghax nghaddilek minn fuqha b'kollox bil-karozza. U ma tkellimt xejn dak il-hin jiena, nghidlek id-dritt kelli ohti kienet ghada hierga mill-angigrom u ma tkellimt assolutament xejn. Tefa' t-tifel wara gol-karozza, beda jkellmu hazin kemm jiflah, qallu ghax jien ilni nghidlek biex ma tigix 'l hawn, u hareg kwazi fuq zewg roti minn fejn il-Kapuccini tal-Kalkara."*

Stevens xhed illi huwa halla xaharejn, ta diversi opportunitajiet lill-imputat sabiex jilhaq ftehim, kien ppreparat jaccetta nofs il-valur tal-*mobile* u cioeLm 70 izda anke wara li interceda missier l-imputat, l-imputat baqa' inadepienti.

In kontro ezami, Stevens zamm ferm mal-verzjoni tax-xhieda tieghu. Xhed kif iben Spiteri kien imbotta lit-tifla tieghu u ta daqqa ta' ponn f'wiccha u kienu t-tfal tal-*youth club* li kkonfermaw dana kollu. Stevens ikkonferma l-agir arroganti tieghu. Stevens xhed b'mod vividu bil-manjiera illi bih l-imputat sfidah sfaccatament, sabbatlu l-*mobile* ma' l-art u ftahar bil-manjiera pronta li bih ser jatih il-hlas tal-valur tal-*mobile*.

Spettur Mallia (a fol.28) ikkonferma illi l-imputat waddab bl-gherra l-*mobile* ta' bint Stevens. Il-Qorti tqis ix-xhieda ta' Attard bhala *hearsay evidence*.

A fol.30, Josephine Mifsud, li kienet marret tigbor it-tifel taghha fid-data ta’ l-incident, ikkonfermat li Stevens ippretenda l-hlas tal-*mobile,* li l-imputat kien lest li jhallas, jekk ibnu ghamel il-hsara u li l-imputat tefa’ l-*mobile* ma’ l-art (a fol.31). Mifsud (a fol.32) semmiet ukoll illi t-tfal saru jafu illi Stevens kien ghadda minn fuq il-*mobile* bil-karozza tieghu.

PC 1063 Mario Muscat, ikkonferma r-rapport ta’ Stevens u ezebixxa Dok.PS

L-imputat Martin Spiteri kkonferma l-verzjoni li ta fl-istqarrija tieghu, innega li sabbat il-*mobile* ma’ l-art u jghid li poggieh f’hawt. Ammetta illi huwa dak il-hin qal lil Stevens li kien ser jaghmel tajjeb mill-hsarat tal-*mobile* in kwistjoni izda wara li mar id-dar, martu tatu l-informazzjoni illi kien Stevens stess li ghadda minn fuq il-*mobile* bil-karozza.

Shirley Spiteri kkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migbjuba a konnjizzjoni ta’ din il-Qorti u precizament mill-provi illi l-Qorti tista’ legalment isserrah fuqhom u li ma jikkostitwux *hearsay evidence*, huwa evidentissimu illi l-imputat, wara informazzjoni illi ibnu kien wettaq hsara fuq il-*mobile* tat-tifla ta’ Stevens, b’mod arroganti u imponenti, qabad il-*mobile* illi diga’ kien garrab hsara involontarja u sabbtu ma’ l-art bi ftahir li ser ihallas lil Stevens l-ghada. Illi minkejja l-prova ta’ hsara involontarja huwa evidentissimu illi l-hsara principali li l-imputat wettaq bl-ghagir tieghu, kienet tisboq bil-kbir kwalunkwe hsarat involontarju precedenti. In fatti Stevens stess jiddikjara fix-xhieda tieghu illi qabel ma gie msabbat ma’ l-art dan il-*mobile* kien ghadu jixghel. L-imputat attenta illi jressaq prova kontrarja sabiex jipperswadi lil Qorti illi l-hsarat principali illi garrab dan il-*mobile* saru meta l-istess Stevens, accidentalment, ghaffeg dan l-istess *mobile* bil-karozza tieghu. Din il-verzjoni ma gietx

ipprovata skond il-Ligi il-ghaliex saret kompletament permezz ta' *hearsay evidence*.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Martin Spiteri, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 339(1)(b) u (e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur u tordna li jhallas lil kwerelant is-somma ta' €150.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------